


# Geography General Classes Syllabus

## Form 3

# Contents


Form 3 Geography (General Classes) Syllabus (Maltese version)

Form 3 Geography (General Classes) Syllabus (English version)

Scheme of Assessment

Specimen Annual Examination Paper

E-Learning Resources

# It-Tielet Sena tas-Sekondarja
# Sillabu tal-Ġeografija (Ġenerali)

<table>
<tr><td colspan="2">Titlu tal-Unità: 9.1 Il-Baħar</td></tr>
<tr><td colspan="2">L-Ewwel Mira Ewlenija: L-Ambjent - Fiżiku u Uman<br>It-Tieni Mira Ewlenija: L-Immaniġġjar, il-Ħarsien u s-Sostenibbiltà tal-Ambjent</td></tr>
<tr><td colspan="2">Kliem ewlieni: erożjoni (tgħawwir) tal-blat, trasportazzjoni, depożizzjoni, bajja, ilsien ta' art (ras), xtajta, qatgħa mill-mewġ (notch), għar, ħnejja (tieqa), taqtigħa, skoll, irtirar tas-sies/irdum, blataforma, drenaġġ, tnixxija taż-żejt, akkwakultura, sajd bla kontroll (eċċessiv), impjant għat-tisfija tad-drenaġġ</td></tr>
<tr><th>Objettivi tat-Tagħlim</th><th>Riżultati fil-Mira</th></tr>
<tr><td>9.1.1<br>L-għalliema jgħinu lill-istudenti jifhmu kif il-mewġ jgħawwi l-blat u jġorr u jħott ammonti kbar ta' materjal fuq ix-xatt.</td><td>• Jagħrfu d-differenzi bejn proċessi ta' erożjoni ta' ma' xatt il-baħar, id-depożizzjoni u t-trasportazzjoni.<br>• Jiddeskrivu kif il-mewġ ikisser u jgħawwi l-blat.<br>• Jagħrfu bajjiet, irjus ta' art u xtajtiet.<br>• Ipinġu illustrazzjonijiet illejbiljati u jispjegaw kif iffurmaw l-ilsna tal-art maħruġa fuq il-baħar u l-bajjiet.<br>• Ipinġu illustrazzjonijiet illejbiljati u jispjegaw il-proċessi ta' erożjoni fuq l-ilsna (rjus) ta' art (għar, tieqa jew ħnejja, taqtigħa u skoll).<br>• Permezz ta' illustrazzjonijiet illejbiljati sewwa jispjegaw kif is-sies/l-irdum jista' jittiekel u jirtira lura biż-żmien. Bl-istess mod jispjegaw kif tifforma qatgħa fil-qiegħ tas-sies bil-mewġ li tirriżulta fi blataforma.<br>• Isemmu u jimmarkaw fuq mappa tal-Gżejjer Maltin xtajtiet, bajjiet imrammla kif ukoll ilsna ta' art ewlenin li jinkludu l-Bajja tal-Mellieħa (l-Għadira), il-Bajja ta' Għajn Tuffieħa, il-Bajja ta' Birżebbuġa, ir-Ramla l-Ħamra, il-Bajja tax-Xlendi, il-Qarraba, Ras il-Qawra u Ras</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| | il-Fenek.<br>• Jagħrfu minn stampi u jsemmu dawn il-fattizzi fiżiċi ta' max-xatt, it-Tieqa Żerqa, It-Tieqa ta' Wied il-Mielaħ, Ras il-Fenek, Il-Ħnejja (Blue Grotto), għerien taħt l-irdumijiet f' Ta'Ċenċ, l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli, l-għerien tal-Imtaħleb, it-taqtigħa ta' Għar Qawqla f'Marsalforn, il-blataforma tax-Xwejni kif ukoll dik f'Tas-Sliema. |
| 9.1.2<br>L-għalliema jgħinu lill-istudenti jifhmu l-importanza tal-baħar u jiflu bir-reqqa l-impatti negattivi li l-bniedem joħloq fuq l-ambjent marittimu. | • Isemmu l-importanza tal-baħar bħala riżorsa naturali għall-ikel u l-ilma, trasport u rikreazzjoni. Isemmu wkoll l-impatt li għandu l-baħar fuq il-klima globali billi fost affarijiet oħra jassorbi d-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$).<br>• Jispjegaw kif jitrabba l-ħut fl-irziezet tal-akkwakultura.<br>• Jiddeskrivu fil-qosor l-impatti pożittivi tal-akkwakultura fuq l-ambjent tal-baħar u t-turiżmu, li jinkludu l-ħolqien tax-xogħol, provvista ta' ħut matul is-sena kollha, qliegħ akbar ta' flus, kif ukoll it-tnaqqis tas-sajd eċċessiv u bla kontroll.<br>• Jiddeskrivu fil-qosor l-impatti negattivi tal-akkwakultura fuq l-ambjent tal-baħar u l-industrija tat-turiżmu, li jinkludu t-tnaqqis tal-ħażniet tat-tonn, ġenerazzjoni ta' skart kimiku u organiku, il-qerda ta' speċi li jgħixu fil-qiegħ tal-baħar ta' madwar il-gaġeġ, effett fuq il-kwalità tal-ilma baħar kif ukoll l-impatt viżiv.<br>• Isemmu u jispjegaw is-sorsi ta' tniġġis tal-baħar li jinkludu r-rimi ta' drenaġġ mhux ipproċessat, tnixxijiet taż-żejt, skart mill-industrija u mill-attivitajiet tal-biedja kif ukoll mill-akkwakultura.<br>• Isemmu u jispjegaw l-effetti ta' dan it-tniġġis fuq l-ambjent tal-baħar.<br>• Jispjegaw għalfejn il-Baħar Mediterran huwa vulnerabbli għat-tniġġis.<br>• Jissuġġerixxu mezzi u strateġiji li permezz tagħhom jista' jitnaqqas it-tniġġis mill-baħar. |

| **Titlu tal-Unità: 9.2 Il-Biedja, it-Telf u l-Immaniġġjar tal-Ħamrija** | |
|---|---|
| **L-Ewwel Mira Ewlenija: L-Ambjent – Fiżiku u Uman**<br>**It-Tieni Mira Ewlenija: L-Immaniġġjar, il-Ħarsien u s-Sostenibbiltà tal-Ambjent** | |
| **Kliem ewlieni:** bidwi, raħħal, biedja mħallta, in-newba, raba' mhux miżrugħ/maħdum, irrigazzjoni, fertilizzanti, insetticidi, pesticidi, ħitan tas-sejjieħ, demel naturali, tisqija bil-qtar, ferfiera, għelieqi mtarrġa, serra, biedja organika, konsumaturi, rinnovabbli, tagħwir, sodda ta' blat, materjal organiku, *humus*, profil tal-ħamrija, l-għamla tal-ħamrija, ħamrija tal-ħamri (Terra Rossa), ħamrija kannella (Xerorendzina), ħamrija tal-bajjad (Carbonate Raw), ragħa żejjed (eċċessiv), ħrit 'il fuq u 'l isfel, deforestazzjoni, eżawriment tal-ħamrija, ragħa kkontrollat, ħrit tal-art bil-kontra tan-niżla, afforestazzjoni | |
| **Objettivi tat-Tagħlim** | **Riżultati fil-Mira** |
| 9.2.1<br>L-għalliema jgħinu lill-istudenti jsiru jafu dwar tipi differenti ta' biedja u kif ix-xogħol involut jista' jħalli impatt fuq l-ambjent. | • Jispjegaw it-tipi differenti ta' biedja li jinkludu l-kultivazzjoni tar-raba', it-trobbija tal-bhejjem u x-xogħol tar-raba' u l-bhejjem.<br>• Jispjegaw l-użu u l-effetti pożittivi tan-newba, l-irrigazzjoni, il-fertilizzanti, il-pesticidi, il-kontroll bijoloġiku tal-parassiti, is-serer kif ukoll tal-ħitan tas-sejjieħ.<br>• Jispjegaw l-impatt negattiv tal-użu tal-fertilizzanti u l-insetticidi kimiċi fuq l-ambjent. |
| 9.2.2<br>L-għalliema jgħinu lill-istudenti jistħarrġu l-benefiċċji tal-biedja organika. | • Jagħtu definizzjoni kif ukoll tagħrif dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-biedja organika.<br>• Isemmu eżempji ta' oqsma organiċi lokali.<br>• Janalizzaw il-benefiċċji u l-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa lokali kif ukoll il-konsumaturi meta dawn jiġu biex ikabbru jew jixtru prodotti organiċi. |
| 9.2.3<br>L-għalliema jgħinu lill-istudenti jeżaminaw il-komponenti prinċipali tal-ħamrija. | • Jispjegaw għaliex il-ħamrija titqies bħala riżors naturali essenzjali u fl-istess ħin vulnerabbli.<br>• Jispjegaw il-proċess kif titnissel il-ħamrija bit-tagħwir tal-blat, iż-żieda tal-ilma, l-arja u organiżmi ħajjin kif ukoll bit-tkissir ta' materjal organiku. |

| | |
|---|---|
| | • Jillejbiljaw illustrazzjoni li turi l-karatteristiċi ewlenin ta' profil tal-ħamrija li tinkludi s-sodda tal-blat, il-fond tal-ħamrija, ħaxix u weraq niexef.<br>• Jiddeskrivu fil-qosor kif il-ħamrija tkun differenti fl-għamla, fil-fond, fil-lewn u fil-kontenut organiku.<br>• Isemmu d-differenzi bejn it-tliet tipi ewlenin ta' ħamrija li nsibu f'pajjiżna, jiġifieri tal-Ħamri, tal-Bajjad u l-Kannella. Jispjegaw kif dawn ivarjaw fil-kulur, fl-għamla, fit-tip ta' blat magħmula minnu u kemm iżommu ilma. |
| 9.2.4<br>L-għalliema jgħinu lill-istudenti jifhmu kif tintilef il-ħamrija u jiddiskutu mezzi kif din tista' tiġi mħarsa u mmaniġġjata aħjar. | • Jiddefinixxu l-frażi *t-telf tal-ħamrija* bħala riżultat ta' kawżiet naturali (xita, riħ, pendil tal-art) u konsegwenza ta' attivitajiet tal-bniedem.<br>• Jispjegaw il-proċessi li jwasslu għat-telf tal-ħamrija: ragħa żejjed, ħrit 'il fuq u 'l isfel, deforestazzjoni, eżawriment tal-ħamrija, twaqqigħ ta' ħitan tas-sejjieħ kif ukoll iż-żieda u firxa tal-bini.<br>• Jispjegaw dawn il-prattiċi ta' konservazzjoni li permezz tagħhom il-ħamrija tkun immaniġġjata kif suppost: ragħa kkontrollat, ħrit tal-art bil-kontra tan-niżla, proġetti ta' afforestazzjoni, l-użu tas-sistema tan-newba, il-bini u l-manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ u l-għelieqi mtarrġa. |

| Titlu tal-Unità: 9.3 L-Ilma-riżors prezzjuż | |
|---|---|
| **L-Ewwel Mira Ewlenija: L-Ambjent – Fiżiku u Uman**<br>**It-Tieni Mira Ewlenija: L-Immaniġġjar, il-Ħarsien u s-Sostenibbiltà tal-Ambjent** | |
| **Kliem ewlieni:** ċiklu idroloġiku, evaporazzjoni, traspirazzjoni, kondensazzjoni, preċipitazzjoni, ilma ġieri, ilma ta' taħt l-art, blat poruż, blat permeabbli, blat impermeabbli, qiegħ diviżorju ta' bejn is-saffi, xquq, ħażna naturali tal-ilma ta' fuq it-tafal, nixxiegħa naturali, ħażna naturali tal-ilma tal-pjan, impjant tar-*reverse osmosis,* spiera, distillazzjoni, impjant tat-tisfija tad-drenaġġ, ħoġorix-xmara, għajn ix-xmara, xmara tributarja, il-kanal tax-xmara, ferq l-ilmijiet, fomm ix-xmara, delta, ċarċara, ħondoq, ħofra f'qiegħ iċ-ċarċara, liwja tax-xmara, pjanura tal-għargħar, ħamrija alluvjali, wied f'għamla tal-ittra V, xatt ix-xmara, qiegħ ix-xmara, tagħbija tax-xmara, speċi aljeni, għargħar, għargħar ta' ilma qerrieda, deforestazzjoni, proġetti kontra l-għargħar | |
| **Objettivi tat-Tagħlim** | **Riżultati fil-Mira** |
| 9.3.1<br>L-għalliema jgħinu lill-istudenti jesploraw bir-reqqa kif jaħdem iċ-ċiklu idroloġiku. | • Jiddefinixxu l-komponenti ewlenin taċ-ċiklu idroloġiku.<br>• Jidentifikaw l-istat tal-ilma f'waqtiet differenti taċ-ċiklu idroloġiku.<br>• Ipinġu u jillejbiljaw illustrazzjonijiet taċ-ċiklu idroloġiku.<br>• Jispjegaw x'jiġri mill-ilma tax-xita ladarba dan jaqa' fuq uċuħ differenti ta' art. |
| 9.3.2<br>L-għalliema jgħinu lill-istudenti jidentifikaw is-sorsi differenti ta' ilma ħelu li nsibu f'pajjiżna. | • Jagħtu raġunijiet għaliex pajjiżna jbati min-nuqqas ta' ilma.<br>• Ikunu jafu d-differenza bejn blat poruż, permeabbli u impermeabbli.<br>• Jiddeskrivu l-proċess li permezz tiegħu l-ilma jiskula mix-xquq tal-blat u l-qigħan diviżorji ta' bejn is-saffi.<br>• Ipinġu u jiddeskrivu ż-żewġ ħażniet naturali tal-ilma li nsibu fil-blat, il-ħażna naturali ta' fuq it-tafal u l-ħażna naturali tal-pjan.<br>• Jispjegaw d-differenza bejn *water table* u akkwifer. |

| | |
|---|---|
| | • Jispjegaw il-metodi ewlenin ta' kif inġibu l-ilma mill-blat (bl-użu tal-ispieri, l-impjanti tal-ippumpjar tal-ilma u mill-baħar permezz tad-desalinizazzjoni (Impjanti tar-*reverse osmosis*).<br>• Jispjegaw fil-qosor kif l-ilma mielaħ jinbidel f'ilma tajjeb għax-xorb fl-Impjanti tar-*reverse osmosis.*<br>• Jispjegaw kif id-drenaġġ jiġi msaffi biex l-ilma jkun jista' jerġa' jintuża. |
| 9.3.3<br>L-għalliema jgħinu lill-istudenti jeżaminaw ir-riskji fosthom it-tniġġis li qed jheddu l-ħażniet tal-ilma fil-blat. | • Jiddeskrivu r-riskji li jistgħu jniġġsu u jeqirdu l-ħażniet tal-ilma fil-blat kawża ta' estrazzjoni esaġerata minn spieri mħaffra illegalment, infiltrazzjoni ta' ilma baħar u kimiċi bħalma huma n-nitrati mill-użu żejjed ta' fertilizzanti.<br>• Jispjegaw kif l-impjanti tat-tisfija tad-drenaġġ jistgħu jipprovdulna ilma tat-tieni klassi biex tonqos l-estrazzjoni żejda mill-akkwifer. |
| 9.3.4<br>L-għalliema jgħinu lill-istudenti janalizzaw il-fatturi fiżiċi li nsibu matul il-medda tax-xmara. | • Isemmu s-siwi tax-xmajjar għall-bniedem.<br>• Jiddeskrivu kif jifforma wied f'għamla ta' ittra V kawża ta' erożjoni vertikali.<br>• Isemmu u jimmarkaw fuq mappa tad-dinja dawn ix-xmajjar; l-Amażon, il-Kolorado, id-Danubju, il-Ganġes, ix-Xmara Murray-Darling, il-Mississippi, in-Nil, ir-Rhine, is-St Lawrence, il-Volga, il-Yangtze, iż-Żambeżi u l-Kongo.<br>• Jispjegaw xi jfisser ħoġor ix-xmara u jagħrfu l-fattizzi ewlenin li nsibu fih, fosthom għajn ix-xmara, xmara tributarja, kanal ewlieni, ferq l-ilmijiet, fomm ix-xmara u delta.<br>• Jispjegaw u jagħrfu fuq stampi u illustrazzjonijiet dawn il-fattizzi li jidhru fil-medda tax-xmara fosthom, il-ġnub tal-widien, widien f'għamla tal-ittra V, xatt ix-xmara, liwja tax-xmara, qiegħ ix-xmara u tagħbija tax-xmara.<br>• Ipinġu illustrazzjonijiet illejbiljati sewwa u jispjegaw kif iffurmaw iċ-ċraċar, il-ħofor f'qiegħ dawn l-istess ċraċar kif ukoll il-ħniedaq fondi hekk kif il-ċarċara tirtira lura kawża tal-erożjoni. |

| | |
|---|---|
| | • Isemmu u jimmarkaw kaskati magħrufa fosthom iċ-Ċarċara ta’ Victoria, in-Niagara, iċ-Ċarċara ta’ Iguaçu, iċ-Ċarċara Angel kif ukoll ir-Rhine Falls.<br>• Jispjegaw x’inhuma pjanuri tal-għargħar u kif il-ħamrija alluvjali takkumula fuq dawn il-pjanuri ċatti fuq kull naħa tax-xmara.<br>• Jiddiskutu l-benefiċċji u l-problemi li jistgħu jinħolqu għall-bidwi li jkollu r-raba’ fuq il-pjanura tal-għargħar. |
| 9.3.5<br>L-għalliema jgħinu lill-istudenti jistħarrġu kif l-ekosistemi tal-mogħdijiet tal-ilma ħelu u l-widien huma mhedda mill-attivitajiet tal-bniedem. | • Ifittxu eżempji ta’ mogħdijiet ewlenin tal-ilma ħelu li nsibu f’pajjiżna fosthom is-sistema ta’ Wied il-Għasel, Wied il-Kbir, Wied is-Sewda u l-Wied ta’ Marsalforn.<br>• Jispjegaw kif l-ekosistema naturali tal-widien tagħna hija mhedda serjament u qed tinqered kawża tal-attività tal-bniedem (eż. introduzzjoni ta’ speċi aljeni, proġetti ta’ tindif, tniġġis ikkawżat minn ħsejjes u storbju mill-viżitaturi, rimi ta’ skart, bini ta’ djar u postijiet ta’ divertiment). |
| 9.3.6<br>L-għalliema jgħinu lill-istudenti jeżaminaw il-kawżi, l-effetti u miżuri kontra l-għargħar kemm f’pajjiżna kif ukoll f’pajjiżi barranin. | • Jagħrfu l-kawżiet naturali kif ukoll dawk ikkaġunati mill-bniedem li jwasslu għall-għargħar billi jsemmu eżempji minn madwar id-dinja.<br>• Jispjegaw miżuri li permezz tagħhom jista’ jonqos il-periklu u r-riskji mill-għargħar. Isemmu eżempji speċifiċi ta’ proġetti li jikkontrollaw l-għargħar.<br>• Jagħrfu l-kawżi u l-effetti tal-għargħar qerrieda li jseħħu f’pajjiżna bl-użu ta’ eżempji speċifiċi.<br>• Jiddeskrivu proġetti/skemi li qed jitwettqu biex jitnaqqas l-impatt tal-għargħar qerriedi f’pajjiżna. |

# Form 3
# Geography (General) Syllabus

**Unit title: The Sea**

**Strand 1: The Environment – Physical and Human**

**Strand 2: Management, Conservation and Sustainability**

**Key Words:** erosion, transportation, deposition, bay, headland, beach, notch, cave, arch, stack, stump, cliff retreat, wave-cut platform, sewage, oil spill, aquaculture, overfishing, sewage treatment

| Teaching Objective | Learning Outcomes |
|---|---|
| The teacher will help students understand the action of waves to erode, transport and deposit material on the coast. | • Distinguish between the processes of coastal erosion, deposition and transportation.<br>• Describe briefly how wave action breaks up rocks.<br>• Identify bays, headlands and beaches.<br>• Draw labelled diagrams and explain the processes of headland and bay formation.<br>• Draw labelled diagrams and explain the process of headland erosion (cave, arch, stack and stump).<br>• Draw labelled diagrams to explain cliff retreat and resultant notches and wave-cut platforms.<br>• Name and locate important examples of bays, sandy beaches and headlands in Malta and Gozo to include Mellieħa Bay (Għadira Bay), Għajn Tuffieħa Bay, Pretty Bay, Ir-Ramla l-Ħamra, Xlendi Bay, Il-Qarraba headland, Ras il-Qawra and Ras il-Fenek.<br>• Name and identify illustrations of the following coastal features It-Tieqa ż-Żerqa (Azure Window), It-Tieqa ta' Wied il-Mielaħ, Ras il-Fenek (arch), Blue Grotto(arch and cave), caves under Ta' Ċenċ, Dingli Cliffs, Mtaħleb Caves, stack at Għar Qawqla (Marsalforn) and the wave-cut platforms of Ix-Xwejni and Tas-Sliema. |

| | |
|---|---|
| The teacher will help students appreciate the value of the sea and explore the negative impacts of humans on the sea environment. | • List the value of the sea as a natural resource for food and water, transport, recreation, reduction of $CO_2$ and its influence on the earth's climate.<br>• Explain briefly the workings of a fish farm.<br>• Outline the positive impacts of fish farming on the marine environment and the tourist industry including creation of jobs, availability of fish all the year round, financial income, and reduction of overfishing.<br>• Outline the negative impacts of fish farming on the marine environment and the tourist industry including depletion of tuna stocks from the open sea, generation of large amounts of organic and chemical waste, degredation of species on the sea-bed, the general water quality and form an eyesore.<br>• List and explain the sources of sea pollution including dumping of raw sewage, oil spills, industrial and agricultural wastes as well as fish farming.<br>• List and explain effects of sea pollution on the sea environment from the above named causes.<br>• Evaluate the vulnerability of the Mediterranean Sea to pollution.<br>• Suggest ways of reducing or eliminating pollution of seas. |

| **Unit title: Farming, Soil Erosion and Management** | |
|---|---|
| **Strand 1: The Environment – Physical and Human**<br>**Strand 2: Management, Conservation and Sustainability** | |
| **Key words:** arable farming, pastoral farming, mixed farming, crop rotation, fallow land, legumes, irrigation, fertilisers, insecticides, pesticides, rubble walls, natural manure, drip irrigation, sprinklers, terraced fields, greenhouses, organic farming, consumers, renewable, weathering, parent rock, organic matter, humus, soil profile, texture, Terra Rossa soils, Xerorendzina soils, Carbonate Raw soils, overgrazing, up and down ploughing, deforestation, soil exhaustion, controlled grazing, contour ploughing, afforestation, crop rotation | |
| **Teaching Objective** | **Learning Outcomes** |
| The teacher will help students differentiate types of farming and identify some practices involved. | • Define arable, pastoral and mixed farming.<br>• Explain the use and the positive effects of crop rotation, irrigation, fertilisers, chemical and biological pest control, green houses and rubble walls.<br>• Explain the negative effects of fertilisers and chemical pest control on the environment. |
| The teacher will help students explore the benefits of organic farming. | • Define the term organic farming and give its main characteristics.<br>• List some local examples of organic farms.<br>• Analyse the benefits and difficulties faced by local farmers and consumers to produce or buy organic products. |
| The teacher will help students examine the main components and factors leading to soil formation. | • Explain why soil is a vital and vulnerable renewable resource which takes a long time to form.<br>• Explain the process taht leads  to soil formation including the weathering of parent rock and the addition of water, air, living organisms as well as the decay of organic matter.<br>• Label a simple soil profile diagram with the following characteristics: underlying rock, depth of soil, grass and dead leaves. |

| | |
|---|---|
| | • Outline how soils differ in texture, depth, colour and organic matter.<br>• Differentiate between the three main types of soil in the Maltese Islands that is Terra Rossa soils, Xerorendzina soils and Carbonate Raw soils namely parent rock, colour, texture and water retention capacity. |
| The teacher will help students understand how soil can be lost and discuss methods how it can be managed. | • Define the term soil erosion as a consequence of a combination of physical (rain, wind and slope) and human factors.<br>• Explain the processes that lead to soil erosion: overgrazing, up and down ploughing, deforestation, soil exhaustion, collapsed rubble walls and extension of building sites.<br>• Explain the following soil conservation practices as part of good management: controlled grazing, contour ploughing, afforestation, crop rotation, building and maintaining rubble walls and terraced fields. |

| Unit title: Water - a vital resource | |
|---|---|
| **Strand 1: The Environment – Physical and Human**<br>**Strand 2: Management, Conservation and Sustainability** | |
| **Key words:** hydrological cycle, evaporation, transpirstion, condensation, precipitation, surface run-off, ground water, porous, permeable, impermeable, bedding planes, joints, perched aquifer, natural springs, sea water aquifer, Reverse Osmosis Plant, borehole, desalination, sewage treatment plant, river basin, source, tributary, channel, watershed, mouth, delta, waterfall, gorge, plunge pool, meander, flood plain, alluvium, V shaped valley, river banks, river bed, load, alien species, flood, flash floods, deforestation, flood control scheme | |
| **Teaching Objective** | **Learning Outcomes** |
| The teacher will help students explore how the hydrological cycle works. | • Define the different components of the water cycle.<br>• Identify the state of water at different stages of the water cycle.<br>• Draw and label diagrams or flow charts of the hydrological cycle.<br>• Explain what happens to the rain water once it reaches different surfaces of the ground. |
| The teacher will help students identify the sources of fresh water in Malta. | • Outline the reasons for the scarcity of water in Malta.<br>• Know the difference between porous, permeable and impermeable rocks.<br>• Describe the process of water percolation through bedding planes and joints in the rocks.<br>• Illustrate and describe the two aquifers in the layers of the Maltese rocks namely the perched aquifer and the sea level aquifer.<br>• Differentiate between water table and aquifer.<br>• Differentiate between the means of obtaining water from the aquifers (boreholes and pumping station) and water obtained by desalination from the sea (Reverse Osmosis Plants).<br>• Explain briefly how salty water is changed into pure drinking water. |

| | |
|---|---|
| | • Explain briefly how sewage can be treated and how the resultant water can be reutilised. |
| The teacher will help students examine the threats including pollution hazards to the aquifer. | • Briefly describe the various hazards that can pollute or destroy the aquifer by means of over extraction from illegal boreholes, infiltration of sea water and chemicals such as nitrates from the use of fertilisers.<br>• Explain how sewage treatment plants can provide second class water and reduce over extraction from the aquifer. |
| The teacher will help students analyse the features of a river basin. | • List the major benefits of rivers for people.<br>• Describe development of v-shaped valley by vertical erosion.<br>• Name and locate on a world map some important rivers namely, the Amazon, Colorado, Danube, Ganges, Murray-Darling, Mississippi, Nile, Rhine, St Lawrence, Volga, Yangtze, Zambezi and Congo.<br>• Define the term river basin and recognise the main features of a drainage basin mainly source, tributary, channel, watershed, mouth, delta and main river.<br>• Define and locate on diagrams and pictures these features of a river namely, valley sides, v-shaped valleys, river banks, meanders, river bed and load.<br>• Draw and label diagrams to explain the formation of waterfalls, including plunge pool and gorge through the process of backward erosion.<br>• Name and locate renowned waterfalls such as Victoria, Niagara, Iguacu, Angel and Rhine Falls.<br>• Define the term flood plain and explain how alluvial soils are deposited.<br>• Suggest advantages and disadvantages of farming in a flood plain. |
| The teacher will help students find out how the ecosystems of our water courses and valleys are being threatened by human activity. | • Explore examples of some main natural water courses in Malta namely the Għasel system, Wied il-Kbir, Wied is-Sewda and Wied Marsalforn.<br>• Explain how a natural valley ecosystem may be changed or damaged by human activity (e.g. introduction of alien species, clean up schemes, re-routing of run-off water, noise |

| | |
|---|---|
| | pollution by visitors, dumping of waste, construction of houses or places of entertainment). |
| The teacher will help students examine the causes, effects and responses to flooding at a local and global level. | • Identify the natural and human causes leading to flooding by giving examples from across the world.<br>• Explain some ways how the risk of flooding can be reduced by giving specific examples of flood control schemes.<br>• Identify the causes and effects of flash floods in Malta with reference to specific examples.<br>• Describe the projects /schemes being implemented to lessen the impact of flash floods in Malta. |

**Scheme of Assessment**

The Form 3 annual examination for Geography (General) will consist of one common graded paper of 1hour 30 minutes duration. The paper will be set in Maltese. An English version will also be provided for Third Country Nationals and other foreign students.

The examination paper will carry a maximum of 100 marks. Questions will be set on all the strands and the outcomes of learning as indicated in the syllabus. Questions will be structured with gradients of difficulty, including objective questions (e.g. completion, true/false, multiple choice questions, cloze questions), resource based questions involving data response and problem solving as well as free response writing.

The questions set will assess the students' understanding and application of the main geographical concepts and knowledge, the acquisition of basic geographic skills and the development of attitudes and values in all the strands of learning. Candidates will be required to answer all questions.

**Linji Gwida għall-Eżami Annwali tal-Ġeografija (Klassijiet Ġenerali)**

Il-karta tal-eżami annwali se tkun maqsuma fi tliet taqsimiet.

- **Taqsima A** (15 –il marka)

Din is-sezzjoni tkun magħmula minn għadd ta' mistoqsijiet li jitolbu tweġiba tajba waħda biss. L-ezerċizzji jistgħu jkunu:

- Veru jew falz
- Qabbel
- Agħżel it-Tajba
- Imla l-Vojt

Jista' jkun hemm taħriġ fejn l-istudenti jiġu mitluba jiktbu l-ismijiet ta' postijiet fuq mapep, jiktbu ismijiet ta' postijiet immarkati fuq mappa jew jillejbiljaw kliem fuq illustrazzjonijiet. F'din it-taqsima l-istudenti huma mistennija jwieġbu l-mistoqsijiet kollha fil-post ipprovdut lilhom fuq il-karta stess.

- **Taqsima B** (25 marka)

Il-mistoqsijiet f'din it-taqsima jinħtieġu tweġibiet qosra ta' natura deskrittiva jew fattwali. L-istudenti jistgħu jintalbu jillejbiljaw disinji kif ukoll ipinġu u jimmarkaw disinji huma stess. F'din it-taqsima l-istudenti huma mitluba jwieġbu l-mistoqsijiet kollha fil-post ipprovdut lilhom fuq il-karta. Għalkemm ma jitnaqqsux marki għal żbalji fl-ortografija l-istudenti huma dejjem imħeġġa jiktbu Malti tajjeb.

- **Taqsima Ċ** (60 marka)

Din it-taqsima tikkonsisti minn erba' mistoqsijiet u l-istudenti mistennija li jwieġbu tlieta minnhom. Kull mistoqsija għandha 20 marka. It-tweġibiet iridu jkunu dettaljati u jinkitbu fuq karta separata. Il-mistoqsijiet f'din it-taqsima jitolbu aktar ħsieb mill-ewwel żewġ taqsimiet mibnija fuq ħiliet argumentattivi u analitiċi (bħal stħarriġ ta' statistika u ta' riżorsi oħra bħal artikli mill-gazzetti, interpretazzjoni ta' ritratti u illustrazzjonijiet) kif ukoll il-ħila li janalizzaw u jsolvu kwistjonijiet ambjentali. Bħat-tieni taqsima l-ortografija ma tiġix mmarkata, biss l-istudenti għandhom jiġu mħeġġa jiktbu Malti tajjeb.

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Teknoloġija Elettronika
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji** **Karta Mudell**

**Il-Tielet Sena** **ĠEOGRAFIJA (Ġenerali)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ____________________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A**
**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'din is-sezzjoni.**

**1.** Ħares sewwa lejn l-istampa t'hawn taħt.



**a.** Ittikja (✓) t-tajba.
i. L-istruttura li tidher fl-istampa tissejjaħ

| | | |
|---|---|---|
| i. | mitħna tar-riħ | |
| ii | razzett | |
| iii. | ferfiera | |
| iv. | serra | |

ii. Din l-istruttura tintuża mill-bidwi biex ikabbar

| | | |
|---|---|---|
| i. | is-siġar tal-larinġ | |
| ii | il-bajtar tax-xewk | |
| iii. | il-ħxejjex u l-frott bħall-frawli | |
| iv. | il-qamħ | |

iii. Din l-istruttura tkun miksija kollha kemm hi

| | | |
|---|---|---|
| i. | bi plastik jew ħġieġ trasparenti | |
| ii | bi plastik iswed | |
| iii. | b'injam li jiflaħ għax-xita | |
| iv. | bi drapp oħxon | |

iv. Għalfejn taħseb li dawn l-istrutturi jinbnew? Ittikja t-tajba.

| | | |
|---|---|---|
| i. | biex irabbu l-baqar fihom | |
| ii | biex jaħżnu l-għelejjel u b'hekk ma jitħassrux | |
| iii. | biex il-prodotti jkunu mħarsa mill-elementi tat-temp | |
| iv. | sabiex il-ħxejjex ma jiġux attakkati mill-insetti u ma jimirdux | |
| v. | biex il-bidwi jkun jista' jkabbar prodotti barra minn żmienhom | |

**(4)**

**2.** Ħares sewwa lejn il-mappa tad-dinja t'hawn taħt.



**a**. Ikteb l-isem it-tajjeb, fuq il-mappa stess, ta' erba' xmajjar li jidhru fuq il-mappa.

Agħżel minn:
**l-Amażon; il-Kolorado; id-Danubju; il-Ganġes; ix-Xmara Murray-Darling, il-Mississippi; in-Nil; ir-Rhine; is-St. Lawrence; il-Volga; il-Yangtze; iż-Zambezi u l-Kongo**

**(2)**

**b.** Qabbel dawn is-sentenzi dwar il-karatteristiċi ewlenin li nsibu fi xmara.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-post fejn tibda x-xmara fuq l-għoljiet tissejjaħ | | xmajjar tributarji. |
| 2. | Nixxigħat ċkejknin li jingħaqdu mal-kanal ewlieni tax-xmara jissejħu | | għajn ix-xmara. |
| 3. | Ċarċara tifforma meta l-ilma tax-xmara | | fomm ix-xmara. |
| 4. | Il-post fejn ix-xmara tiltaqa' mal-baħar jissejjaħ | | jaqa' f'daqqa għal livell aktar baxx. |

**(4)**

**ċ.** Ikteb x'insibu f'kull numru mmarkat fuq it-tpinġija tax-xmara t'hawn taħt.




| | |
|---|---|
| **1** | |
| **2** | |
| **3** | |
| **4** | |
| **5** | |

**(5)**

**Taqsima B**
**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'din is-sezzjoni (minn 3 sa 8). It-tweġibijiet għandhom ikunu qosra u preċiżi.**

3. **a.** Ħares lejn il-mappa tad-dinja u wara spjega fil-qosor għaliex il-Baħar Mediterran huwa f'riskju akbar għat-tniġġis mill-oċeani.

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

**(3)**

**b.** Agħti żewġ eżempji ta' kif il-Baħar Mediterran qed jitniġġes.

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

**(2)**



**4. a.** Fuq il-mappa ta' Malta ta' hawn taħt semmi u mmarka,
i. ilsien ta' art, u
ii. bajja mrammla **(2)**




**b.** Ix-xatt jista' jkun magħmul minn bajjiet jew ilsna ta' art. Spjega kif dawn jiffurmaw.

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................

**(4)**

**5. a.** F'Malta nsibu tliet tipi ewlenin ta' ħamrija; tal-Ħamri, tal-Bajjad, u l-Kannella. Semmi żewġ differenzi bejn dawn it-tliet tipi ta' ħamrija.

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................

**(2)**

**b.** Fuq id-disinn tal-profil tal-ħamrija ikteb fejn insibu:

i. is-sodda tal-blat
ii. il-fond tal-ħamrija
iii. ħaxix u werq niexef



**(3)**

**6. a.** X'tip ta' attività li għandha x'taqsam mas-sajd tidher fl-istampa? …………………………..

**(1)**



**b.** Fil-qosor spjega kif jitrabba l-ħut fl-attività murija.

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

**(3)**

**7.** Pinġi disinn li juri ċ-ċiklu idroloġiku (tal-ilma) u mmarkah b'dawn it-termini: **ilma ta' taħt l-art, evaporazzjoni, preċipitazzjoni, kondensazzjoni, ilma ġieri.**

**Iċ-Ċiklu Idroloġiku**

**(5)**

**8.** Spjega kif l-attivitajiet u l-ambjent li jidhru fit-tpinġijiet t'hawn taħt iżidu r-riskju tal-għargħar.





.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

**(5)**

**Taqsima Ċ**

**Wieġeb 3 mistoqsijiet minn din is-sezzjoni (minn 9 sa 12). It-tweġibiet iridu jkunu dettaljati u jinkitbu fuq karta separata. Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

**9.** **a.** Semmi ż-żewġ fatturi klimatiċi ewlenin li jwasslu għat-telf tal-ħamrija. **(2)**

**b.** Id-disinn t'hawn taħt juri art lesta biex tinżera' wara li l-bidwi ħaratha. Fejn taħseb li l-aktar huwa possibbli li tintilef il-ħamrija, fil-parti ta' fuq jew t'isfel tad-disinn? Agħti r-raġunijiet tiegħek.



**(4)**

c. Spjega bl-użu ta' disinn immarkat sew kif il-ħitan tas-sejjieħ jistgħu jgħinu kontra t-telf tal-ħamrija speċjalment fuq art imżerżqa. **(6)**

d. Spjega l-kliem li ġej: ragħa eċċessiv u deforestazzjoni. Għid kif dawn ifaqqru l-fertilità tal-ħamrija u jwasslu għat-telf tagħha.

**(8)**

**10.** Ħares sewwa lejn l-istampa ta' hawn taħt.




**a.** X'tissejjaħ il-karatteristika fiżika li tidher fl-istampa u mmarkata bl-ittra A? **(2)**

**b.** Semmi żewġ eżempji fil-Gżejjer Maltin fejn naraw karatteristiċi fiżiċi bħal dawn. **(2)**

**ċ.** Spjega kif il-baħar kapaċi jgħawwar u jiekol il-blat ta' max-xatt. **(5)**

**d.** Spjega kif tifforma din il-karatteristika fiżika. **(5)**

**e.** Pinġi disinn immarkat sew biex tispjega kif is-sies jista' jittiekel u jirtira lura biż-żmien. **(6)**

**11.** Inħareġ permess għall-bini ta' razzett ġdid tal-akkwakultura fit-Tramuntana ta' Malta.

**a.** Spega kif it-turisti, is-sajjieda, is-sidien tar-restoranti u l-ambjentalisti se jintlaqtu minn dan il-proġett ġdid tal-akkwakultura. **(12)**

**b.** X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar l-akkwakultura? Spjega għaliex. **(8)**

**12.** Aqra l-artiklu li deher fuq gazzetta lokali dan l-aħħar.

> **Il-Kummissjoni Ewropea tordna kontroll fuq pestiċidi qerrieda**
>
> Il-Kummissjoni Ewropea ordnat kontroll fuq l-użu ta' tliet tipi ta' pestiċidi li jintużaw sew mill-bdiewa. Dawn il-pestiċidi ġew imwaqqfa milli jintużaw għas-sentejn li ġejjin peress li nstab li l-użu tagħhom qed iwassal għall-mewt ta' numru kbir ta' naħal. Il-produtturi ta' dawn il-kimiċi qegħdin jisħqu li n-naħal qed jonqos minħabba raġunijiet oħra fosthom il-qerda tal-ambjent naturali, it-tibdil fil-klima, it-tixrid tal-mard u l-introduzzjoni ta' speċi aljeni. Biss xorta waħda l-Unjoni Ewropea qablet li twaqqaf l-użu ta' dawn il-pestiċidi peress li l-popolazzjoni tan-naħal madwar l-Ewropa naqset b'mod qawwi. Speċi bħan-naħal jitqiesu li huma importanti biex jippolinizzaw madwar telz tal-prodotti agrikoli.

**a.** Għalfejn il-bidwi għandu bżonn il-pestiċidi? **(2)**

**b.** Għalfejn l-Unjoni Ewropea qed twaqqaf l-użu ta' tliet pestiċidi li kienu jintużaw minn bdiewa Ewropej? **(4)**

**ċ.** Semmi żewġ modi oħra kif il-pestiċidi jistgħu jkunu ta' ħsara għall-ambjent. **(4)**

**d.** X'tissejjaħ it-tip ta' biedja fejn ma jsirx l-użu tal-pestiċidi kimiċi? **(2)**

**e.** Semmi l-karatteristiċi ewlenin ta' din it-tip ta' biedja. **(8)**

**E-resources to complement the Form 3 General Syllabus available on Fronter**

| **Theme of the syllabus** | **Reference to Syllabus** | **Related Resources** |
|---|---|---|
| The Sea | 9.1.1<br><br>9.1.2 | A bank of differentiated tasks and activities<br>Diagrams and illustrations<br>Images<br>Video clips<br>Related websites |
| Farming | 9.2.1<br><br>9.2.2 | A bank of differentiated tasks and activities<br>Diagrams and illustrations<br>Images<br>Video clips<br>Related websites |
| Soil Erosion and Management | 9.2.3<br><br>9.2.4 | A bank of differentiated tasks and activities<br>Diagrams and illustrations<br>Images<br>Video clips<br>Related websites |
| Water - a vital resource | 9.3.1<br><br>9.3.2<br><br>9.3.3<br><br>9.3.4 | A bank of differentiated tasks and activities<br>Diagrams and illustrations<br>Images<br>Video clips<br>Related websites |
| General resources | | Related circulars (1) (2) (3)<br>Model Scheme of work<br>Map of Malta with Maltese place names<br>Other maps of the Maltese Islands<br>Textbook in electronic format |
| Glossary of Geographic Terms | | Complete list of Geographic Terms (updated 2013)<br>Glossary of Geographic Terms (Book 1)<br>List of Geographic Terms – Maltese to English (Book 1)<br>List of Geographic Terms – English to Maltese (Book 1) |